

# IL-PITTUR TOUSSAINT BUSUTTIL

Il-Pittur Toussaint Busuttil twieled iż-Żejtun fit-8 ta' Jannar 1912, minn Mastru Giovanni u Maria nee Caruana. Toussaint kien il-ħames wild tal-familja ta' Mastru Gann, li bla ebda distinzjoni ħa kura l-istess ta' wliedu mingħajr ma ndaħlilhom xi jsiru meta jikbru; għallimhom l-iskola l-istess.
Toussaint sa minn ċkunitu kien mitfugħ fuq it-tpinġija, u l-passatemp tiegħu wara li jlesti l-istudju ta' l-iskola, kont tarah ipinġi xi disinn jew figura fuq il-lavanja.

Meta wasal biex jispiċċa miil-iskola, Mastru Gann, li nduna bit-triq li xtaq jaqbad ibnu Toussaint, mar ikellem lid-Disinjatur magħruf Emanuel Xuereb tal-Birgu biex jaċetta li ibnu jitgħallem id-disinn għandu. Xuereb, wara li ta' prova żgħira lil Toussaint, induna li dan it-tfajjel kellu idea sewwa tad-disinji, tant li aċċettah bħala student miegħu. Toussaint malajr qabad is-sengħa, tant li Xuereb tefgħu fuq id-disinn ornat, u dan it-tfajjel wera ħila liema bħala f'dan ix-xogħol. Mastru Xuereb qal lil missieru li ibnu tgħallem ħafna w hu ma kellux aktar x'jgħallmu, tant li ta parir lil Mastru Gann biex jibgħat lil ibnu jkompli jistudja l-Pittura.
Mingħand Xuereb, Toussaint kompla bl-istudji tiegħu għand il-pittur magħruf Lazzaro Pisani. Dan ta' l-aħħar ma damx wisq ma nduna bl-abilita' ta' dan l-istudent ġdid tiegħu, tant li Pisani beda jgħallem lil Toussaint fuq l-antik li hija l-aqwa skola tal-pittura. L-ewwel li tgħallem mingħand Pisani kien li jikkopja stampi klassiċi, u meta tgħallem tajjeb, beda jistudja fuq mudelli. Meta Mastru Pisani raħ miexi 'l quddiem b'pass imgħaġġel u dak li jagħtih kien jagħmlu mingħajr żbalji, hu bagħat għal missieru u qalli li ma setax imexxih aktar billi dan it-tfajjel tgħallem kollox fi ftit żmien, u għalhekk issuġerixxa lil Mastru Gann biex jibaghtu jkompli l-istudji tiegħu Ruma, għax hemm ikun jista' jipperfezzjona iżjed fil-pittura, Mastru Gann apprezza dan il-parir tas-Surmast Lazzaro Pisani.

Toussaint mar l-iskola ta' l-Arti il-Belt Valletta fejn bħala Direttur u assistentDirettur sab lill-Pittur Dwardu Caruana Dingli u lil ħuh il-Pittur Robert; l-istudent il-ġdid tagħhom wera l-abilita' tiegħu, tant li ġie magħżul mis-surmastrijiet tiegħu għall-kompetizzjoni biex jintbgħat student għall-pittura w ieħor għall-iskultura f'Ruma.

Toussaint resaq għal dan l-eżami tant li ġie rrakomandat għal din il-kompetizzjoni fl-Accademia Del Belle Arti ta' Ruma, fejn ġie t-tielet wieħed minn fost l-istudenti kollha.

Fl-1932 mar Ruma bi spejjes ta' missieru, fejn ġie aċċettat fl-akkademja igliża kif ukoll fl-akkademjaTaljana fejn attenda għal Anotomija w għall-istorja ta' l-Arti. F'dawn l-akkademji dam erba' snin u ma tulhom rebaħ il-Calderon Competition imniedi mill-British Academy meta Toussaint ħa l-ewwel premju Akkademja Ngliża fil-Pittura minn fost ħafna studenti nternazzjonali. Fost l-eżiminaturi kien hemm il-magħrufin Professuri Battaglia, Corumanldi, u Galimberti. Kienu huma stess li rrakumandaw lil Pittur Busuttil biex jieħu borża ta' studju għal sentejn ħalli jkompli l-kors.

Iżda x-xorti ma tatux li jkompli b'dan il-kors għax bdiet tinħass il-gwerra ta' l-Abbisinja, u kellu jdabbar rasu lura lejn Art twelidu.

Hawn intefa b'ruħu w b'ġismu fil-pittura fejn beda jpinġi xi veduti Maltin bl-akkwarella. Hu kien isib il-bejgħ tagħhom malajr, fost l-Ingliżi, sinjuri Maltin u xi turisti. F'Diċembru 1938 Toussanit għaml wirja tal-pittura fil-"Grand Studio" fi Triq Irjali il-belt Valletta, meta kiseb suċċes kbir, tant li meta raw il-ġenju ta' dan iż-żagħżugħ Malti xi sinjuri bħal Lady Bonham Carter, Sir Arturo Mercieca, l-Imħallef Camilleri w oħrajn, bdew jordnwlu xogħolijiet skond ix-xewqa tagħhom. Fost dawn ta' minn isemmi l-figuri ta' nies prominenti, fosthom dak ta' Sir Harry Luke; Il-kwadru ta' Sir Harry ġie espost fin-Norman House ta' l-Imdina w ġie mfaħħar ħafna. Ta' min isemmi wkoll il-figura tal-Gran Mastru Vilhena, li qiegħed fil-Foyer tat-Teatru Manoel, u tant oħrajn f'kollezzjonijiet privati.

Ta' min isemmi li l-Pittur Toussaint Busuttil għamel ħafna dekorazzjonijiet f'għadd ta' knejjes madwar Malta w Għawdex u ta' għadd ta' Palazzi w Vilel, bħal Palazz Maġisterjali, il-Belt Valletta.

F'idejn Toussaint ġie fdata d-dekorazzjoni tas-sala tal-Prim Minsitru fil-Palazz u fis-sala l-kbira; fl-uffiċju tal-Prim Ministru fl-Auberg D'Aragon, meta Toussaint kien għad għandu 25 sena. Ġie mqabbad ukoll biex jiddekora s-sala ta' l-uffiċjali tar-Royal Navy fil-Forti Sant' Anglu. Meta lesta x-xogħol ġie mfaħħar ħafna mill-uffiċjali w mill-Armirall innifsu speċjalment għal friż ta 80 pied li għamel. Toussaint, dak iż-żmien, kien impjegat mal-Gvern, fejn serva għal 25 sena.

Meta kien għad għandu 19 il-sena Toussanit pinġa l-kwadru tas-Sagra Familja għal Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar. Matul il-karriera Artistika tiegħu pinġa wkoll fost oħrajn, Kurċifiss għall-Parroċċa ta' San Girgor ta' tas-Sliema, kwadru li ġie ordnat mill-Arċisqof Mauro Caruana fl-1938, żewġ kwadri kbar ghall-Istitut Ġesu' Nazzarenu f'Marsaxlokk, ordnati mill-Isqof Galea. Kwadru ta' Sant' Angela Merici fl-Istitut ta' l-Ursolini l-Imsida, w ieħor ta' Marija Addolorata fil-knisja ta' l-Ispirtu Santu fiż-Żejtun. Dan għamlu fuq stil modern stilizzat. Hu għamel ħafna xogħolijiet oħra, li mpossibli li nsemmuhom hawn. Ma nistgħux ma nsemmux il-koppla, is-saqaf u l-lunetti fil-Parroċċa taż-Żejtun. Imma l-Arżella tar-Rużarju w tal-Kurċifiss huma tal-Pitturi Buhagiar u Zahra rispettivament, waqt li fil-kor kien hemm sebgħa kwadretti li kienu tal-Pittur Mikiel Busuttil imwieled iż-Żejtun fl-14 ta' Ġunju 1762, li kellu parantela mal-familja tas-Surmast Toussaint, u li dawn kellhom jittneħħew biex jiġi rranġat is-saqaf tal-kor.

Toussaint kien magħruf ħafna għad-disinnji sbieħ tiegħu, tant li ġie li kont taraħ fil-maħżen tal-knisja tagħna jgħin u jagħti l-pariri lid-dilettanti ta' l-armar tal-festa, meta kienu qiegħdin jirranġaw u jagħmlu xi kolonni, w dekorazzjonijiet oħra għal festa tal-parroċċa. Imma mhux ta' min iħalli barra d-disinn li kien għamel għal pavimenttal-Parroċċa ta' Ħal Tarxien, disinn li ġie magħżul wara

konkors, u 'l bankun għall-Bażilika ta' Birkirkara li ġie fdat lilu wara konkors. Huwa kien ġie mqabbad biex jagħmel disinn tal-medalja tal-Kunsill ta' l-Ewropa. Ta' min isemmi wkoll ix-xogħol artistiku fil-Knisja ta' Sannat, Għawdex, u l-Pittura ta' l-Arċipriet Cassar għall-istess parroċċa , u ieħor ta' Mons. Xuereb għad-dar tiegħu fir-Rabat, Għawdex.

Il-ħbieb intimi tiegħu kienu bla dubju ta' xejn il-Pittur Lazzaro Pisani, li kien Surmast tiegħu fil-bidu tal-karriera tiegħu, w Antonio Sciortino, li laqgħu ħafna meta tela Ruma fl-Akkademja li tagħha Sciortino kien Direttur, tant li Busuttil kien isejjaħ lil Sciortino mhux biss Surmast tiegħu, imma wkoll it-tieni missier, għaliex sabu ta' għajnuna kbira fl-istudji tiegħu. Bħala ħabib kellu wkoll lill-iskultur, Żejtuni bħalu, Gigi Depasquale. Huma ħadmu id f'id id-dekorazzjonijiet fil-parroċċa ta' raħal twelidhom.

L-aħħar żewġ xogħolijiet li ħallielna is-Surmast Toussant Busuttil f'raħal twelidu w li ġew imfaħħra minn kulħadd, kemm Maltin u anke barranin li jiġu għal festa tagħna, huma bladubju ta' xejn id-disinji taż-żewġ pjanċieri għaż-żewġ baned tal-lokal, kif ukoll il-Bandalora artistika tal-Banda Żejtun. Veru kif jgħidu dawk li jifhmu fl-arti, li tara wiehed tinsa l-ieħor, għax-xogħol artistiku li jgawdu dawn iż-żewġ pjanċieri, ta' dan ix-xogħol jistħoqq kull tifħir lis-Suramst Toussaint Busuttil u lil dawk kollha li ħadmu fuqhom taħt is-supervizzjoni tiegħu.

Is-Surmast Toussaint Busuttil ħallielna vojt kbir meta, nhar l-6 ta' Jannar 1994, tħabbret il-mewt tiegħu fl-għomor ta' 82 sena. Imma dan il-vojt li ħalla warajh jintela meta wiehed jiftakar fl-opri sbieħ li ħallielna biex jibqgħu jitgawdew matul is-sekli li ġejjin u hekk ismu jibqa' ħaj.

**CARMELO P. BALDACCHINO**

*gold lady*



*jewellery*

Quddiem il-Knisja tal-Ħniena

GOLDSMITH & SILVERSMITH
MANUFACTURER & REPAIRS
Shop: 0830 - 1200 - 1600 - 1900 p.m.

SIR PAUL BOFFA AVENUE - ZEJTUN
TELEPHONE: 673928

C. UNDERWOOD
SELF SERVICE

HOUSING ESTATE
TRIQ IL-MARRUBJA, ZEJTUN

OPEN MONDAY TO SATURDAY
TUESDAY - THURSDAY - SATURDAY
HALF - DAY